IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 81/26

**Il-Lussemburgu, 4 ta' Ġunju 2026**

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-553/24 | Assemblea Nazzjonali vs Il-Parlament u Il-Kunsill

# L-Avukata Ġenerali T. Ćapeta: Ir-rikors ippreżentat mill-Assemblea Nazzjonali Franċiża kontra l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-ażil u l-migrazzjoni bbażat fuq in-nuqqas ta' rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà għandu jiġi miċħud

It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) fihom protokolli legalment vinkolanti li jispeċifikaw iktar il-funzjonament ta' dawn it-Trattati. Il-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità [1] jiżgura li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jirrispettaw dawn il-prinċipji, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. Il-prinċipju ta' sussidjarjetà jirrikjedi li l-Unjoni taġixxi biss meta l-għanijiet ma jkunux jistgħu jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom. L-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 2 jagħti lill-Qorti tal Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea l-ġurisdizzjoni li tistħarreġ u possibbilment tannulla leġiżlazzjoni tal-Unjoni li allegatament tikser il-prinċipju ta' sussidjarjetà. Dawn il-kawżi jistgħu jitressqu mill-Istati Membri jew jiġu nnotifikati minnhom skont l-ordinament ġuridiku tagħhom f'isem il-parlament nazzjonali tagħhom jew kamra tagħhom. Din hija l-ewwel kawża, sa mill-introduzzjoni tiegħu mit-Trattat ta' Lisbona, li l-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 2 intuża minn parlament nazzjonali.

Abbażi tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 2, minoranza ta' membri tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika Franċiża, waħda mill-kmamar tal-Parlament Franċiż [2], titlob l-annullament sħiħ tar-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni [3] jew, sussidjarjament, l-annullament tal-parti relatata mas-solidarjetà [4].

Dan ir-regolament jistabbilixxi mekkaniżmu ta' solidarjetà obbligatorju biex jappoġġa lill-Istati Membri taħt pressjoni migratorja. Huwa jagħmel dan billi jistabbilixxi skema ta' rilokazzjoni għall-persuni li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali. L-Assemblea Nazzjonali kkontestat din is-sistema minħabba li kienet tippreġudika s-sovranità, l-identità nazzjonali u l-integrità tal-Istati Membri, li huma obbligati jirċievu fit-territorju tagħhom ċittadini ta' pajjiżi terzi suġġetti għal tali miżuri ta' rilokazzjoni. L-Assemblea Nazzjonali, appoġġata mill-Ungerija, targumenta għalhekk li dan ir-regolament jikser il-prinċipju ta' sussidjarjetà. Hija tressaq ħames argumenti insostenn ta' din il-pożizzjoni. Il-Parlament u l-Kunsill, sostnuti mir-Repubblika Ellenika, mir-Renju ta' Spanja u mill-Kummissjoni, jikkontestaw l-ammissibbiltà tal-maġġoranza ta' dawn it-talbiet. Huma jsostnu li t-talbiet insostenn ta' rikors ippreżentat skont l-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 2 jistgħu jirrigwardaw biss il-prinċipju ta' sussidjarjetà, ħaġa li ma jagħmlux uħud mill-allegazzjonijiet tal-Assemblea Nazzjonali.

Fil-konklużjonijiet tagħha tal-lum, **l-Avukata Ġenerali Ćapeta tirrikonoxxi n-natura ġdida ta' din il-kawża** u, fl-ewwel lok, tevalwa l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tieħu konjizzjoni tagħha. L-Avukata Ġenerali tenfasizza li, jekk rikors ippreżentat skont l-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 2 u rikors għal annullament tipiku skont l-Artikolu 263 TFUE jkollhom l-istess suġġett, jiġifieri l-annullament ta' att tal-Unjoni, l-ewwel wieħed jista' jitqies bħala tip partikolari (*sui generis*) ta' rikors għal annullament, li fir-rigward tiegħu l-ġurisdizzjoni ma ġietx espressament irrikonoxxuta lill-Qorti Ġenerali. Għalhekk, l-Avukata Ġenerali tqis li **l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar rikors ippreżentat minn parlament nazzjonali** abbażi tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 2.

It-tieni nett, **fir-rigward tal-ammissibbiltà** tal-kawża, **l-Avukata Ġenerali tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddistingwi**

**l-prinċipju ta' sussidjarjetà minn prinċipji oħra marbuta mat-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha**, jiġifieri l-prinċipji ta' attribuzzjoni u ta' proporzjonalità. Filwaqt li t-tliet prinċipji federali għandhom l-għan li jiksbu livell ottimali ta' teħid ta' deċiżjonijiet, fil-fehma tagħha, it-talbiet imressqa minn parlament nazzjonali abbażi tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 2 huma ammissibbli biss sa fejn jikkonċernaw il-prinċipju ta' sussidjarjetà; l-allegazzjonijiet dwar dawn iż-żewġ prinċipji l-oħra huma inammissibbli. B'riżultat ta' dan, l-Avukata Ġenerali tqis li hija ammissibbli biss it-talba li tallega li l-Istati Membri kienu jkunu jistgħu jiġġestixxu b'mod iktar effettiv mill-Unjoni Ewropea l-problemi kkawżati mill-influss massiv ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali. B'kuntrast, it-talbiet l-oħra mressqa mill-Assemblea Nazzjonali – bħal dawk dwar in-nuqqas ta' kompetenza tal-Unjoni biex tadotta r-Regolament, l-allegati konsegwenzi finanzjarji dannużi tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà obbligatorja u l-utilità tas-sistema ta' rilokazzjoni – ma jikkonċernawx il-prinċipju ta' sussidjarjetà u għalhekk huma inammissibbli.

It-tielet nett, **filwaqt li teżamina din it-talba ammissibbli**, **l-Avukata Ġenerali** tenfasizza li **l-armonizzazzjoni ma għandhiex tkun l-għan ta' xi korp leġiżlattiv**, iżda pjuttost għodda possibbli sabiex jintlaħaq għan xieraq u distint. F'dan id-dawl, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha **titlob lill-istituzzjonijiet sabiex jispjegaw b'mod xieraq l-evalwazzjoni tagħhom dwar għaliex hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-Unjoni,** lil hinn minn sempliċi xewqa għal armonizzazzjoni. Din l-ispjegazzjoni ma għandhiex tkun sterjotipata, iżda għandha tkun ibbażata fuq l-ispeċifiċitajiet ta' kull azzjoni leġiżlattiva. Tali ġustifikazzjoni "mfassla apposta" tobbliga lill-istituzzjonijiet jevalwaw b'mod sinjifikattiv jekk l-Unjoni għandhiex taġixxi f'sitwazzjoni konkreta. Barra minn hekk, dan jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi jekk tali azzjoni tal-Unjoni tidhirx raġonevolment neċessarja.

**L-Avukata Ġenerali Ćapeta tikkonkludi li r-raġunijiet imressqa sabiex tittieħed azzjoni fil-livell tal-Unjoni f'din il-kawża jidhru fondati** u li l-Assemblea Nazzjonali ma ressqet ebda argument sabiex tinvalida tali konklużjoni. Għalhekk, l-**Avukata Ġenerali tipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad bħala infondat l-uniku lment tal-Assemblea Nazzjonali dwar il-prinċipju ta' sussidjarjetà** u tiċħad ir-rikors bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

**NOTA:** Il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-Avukati Ġenerali huwa li jipproponu lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'indipendenza sħiħa, soluzzjoni legali għall-kawżi li tkun ġiet assenjata lilhom. L-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja issa ser jibdew id-deliberazzjonijiet tagħhom f'din il-kawża. Is-sentenza ser tingħata iktar f'data iktar tard.

**NOTA:** Ir-rikors għal annullament huwa intiż għall-annullament tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew quddiem il-Qorti Ġenerali, skont il-każ. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata jkollha tirrimedja eventwali lakuna legali maħluqa mill-annullament tal-att.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ tal-opinjoni jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata l-opinjoni.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ✆ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ✆ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!

[1] Il-Protokoll (Nru 2) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità.

[2] L-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika Franċiża hija l-Kamra inferjuri tal-Parlament Franċiż, b'577 deputat, filwaqt li l-Kamra superjuri hija s-Senat, b'328 senatur.

[3] Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013.

[4] Parti IV tar-Regolament.